# KULLEĠĠ SAN NIKOLA
## L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU
## Frar 2012

Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart

L-Isem u l-Kunjom: ____________________________ Il-Klassi: __________

| | Il-Qari u l-Kitba |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

## Għall-istudent/a

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb isemek u kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' ikollok u timla dak li ħallejt barra.



## *Aqra sew din is-silta:* <u>Il-Leġġenda tal-Għolja tas-Salvatur</u>



Ta' kull sena, Manwel kien ikollu seba' mitt sena biex jasal ix-xahar t'Awwissu għaliex proprju l-għada tal-festa ta' Santa Marija kien imur iqatta' ġimgħa sħiħa fir-razzett tan-nannu Toni f'Marsalforn, Għawdex. ***(par.1)***

Tul il-jiem li kien iqatta' fir-razzett, it-tifel kien ibakkar filgħodu sabiex ikun jista' jgħin lin-nannu fix-xogħol tal-għalqa u wara arah sejjer jitma' l-annimali u jnaddfilhom. Ta' kull filgħaxija kien jehda jmur il-baħar u passiġġati fit-tul ma' nannuh tul il-kosta u ħallih isaqsi fuq din u fuq l-oħra. Darba waħda xtaq ikun jaf aktar dwar l-istatwa li hemm fuq l-għolja ta' Marsalforn. Kien għalhekk li n-nannu spiċċa biex irrakkontalu l-leġġenda tal-Għolja tas-Salvatur. ***(par.2)***

Ħafna snin ilu kien waqa' ġuħ kbir fuq Għawdex u ħafna kienu dawk li mardu u mietu bil-ġuħ. Kien kollu għalxejn meta talbu l-għajnuna minn Sqallija għax baqgħu b'xejn! Għalhekk, is-sena ta' wara, żergħu l-qamħ fl-għelieqi tagħhom. Issa kulħadd kiel u kiseb saħħtu lura. ***(par.3)***



Iżda ġara li n-nies t'Għawdex riedu iktar ġid. Ħafna telqu bix-xwieni tagħhom, jaħbtu għal xwieni oħra mhux Insara. Ix-xiħ tal-gżira kien widdibhom li dan ma kienx għajr serq u min jisraq irid irodd. Imma huma daħku bih u qalu li kellu moħħu ħafif. ***(par.4)***

Ġara li darba, wieħed mix-xwieni tagħhom daħħal il-marda tal-pesta. Il-marda malajr tferxet u bosta kienu dawk li mardu u mietu. Ħafna ftakru x'kien qalilhom ix-xiħ u ħasbu li dan kien xi kastig. Iżda x-xiħ kompla jgħidilhom kif minħabba l-ħażen tagħhom anki l-vulkan għad iqum. In-nies inħasdet għal dan il-kliem. Hekk li kienu ħafna li biddlu ħajjithom. ***(par.5)***

Għadda ż-żmien u reġa' waqa' l-għaks fuq il-gżira. Darba minnhom qam maltemp kbir u deher sħab iswed tiela' minn wara l-għolja. In-nies ħasbu li l-vulkan ħa l-ħajja, kif kien qal ix-xwejjaħ. Tant beżgħu li ddeċidew li jtellgħu statwa tas-Salvatur fuq l-għolja sabiex iħarishom mill-vulkan tul ħajjithom. Issa l-biża' li l-vulkan jieħu l-ħajja għeb u l-inħawi saru post ta' sliem u mistrieħ. ***(par.6)***

**(addattata minn *L-Għolja tas-Salvatur* ta' Pawlu Mizzi)**

| **Taqsima A** | **Il-Qari** | **(30 marka)** |
|---|---|---|

**Aqra l-istorja *Il-Leġġenda tal-Għolja tas-Salvatur* fuq paġna 2 u wieġeb.**

**1. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba.** **(4 marki)**

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| a. | L-istorja hija dwar leġġenda. | | |
| b. | Manwel kien imur għand in-nannu fix-xitwa. | | |
| ċ. | Hu kien jgħin lin-nannu fl-għalqa. | | |
| d. | L-Għolja tas-Salvatur tinsab Malta. | | |

**2. Immarka t-tweġiba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.**
**L-ewwel waħda lesta.** **(3 marki)**

a. Fir-razzett tan-nannu, Manwel kien iqatta'

| | |
|---|---|
| | jum. |
| ✓ | ġimgħa. |
| | xahar. |



b. It-tifel kien

| | |
|---|---|
| | jitma' l-annimali. |
| | imur jistad. |
| | joqgħod jitgħażżen. |

ċ. Fuq l-għolja ta' Marsalforn, kien hemm

| | |
|---|---|
| | monument. |
| | salib. |
| | statwa. |

d. In-nannu rrakkonta l-leġġenda

| | |
|---|---|
| | tal-marda tal-pesta. |
| | tal-Għolja tas-Salvatur. |
| | ta' Santa Marija. |

**3. Wieġeb billi tfittex it-tweġiba fl-istorja.**

a. X'għamlu l-Għawdxin meta ma sabux għajnuna minn Sqallija? ***(par.3)***

________________________________________ **(2 marki)**

b. L-Għawdxin daħku meta semgħu l-kliem tax-xiħ. Għaliex? ***(par.4)***

________________________________________ **(2 marki)**

ċ. X'ħasbu n-nies x'ħin qam maltemp kbir? ***(par.6)***

________________________________________

________________________________________ **(2 marki)**

**4. Sib kelma jew espressjoni <u>mill-istorja</u> li tfisser:** **(5 marki)**

| | | <u>**Kliem mill-istorja**</u> |
|---|---|---|
| a. | ħerqan | ***(par.1)*** |
| b. | ħlief | ***(par.4)*** |
| ċ. | miġnun | ***(par.4)*** |
| d. | spiċċa fix-xejn | ***(par.6)*** |
| e. | paċi | ***(par.6)*** |

5. Minn **paragrafu 2** sib u ikteb **il-kelma** li turi li Manwel kien iqum kmieni. ____________ **(2 marki)**



**6. Imla l-vojt skont x'jitolbok fil-kolonna tal-ġenb.** **(10 marki)**
**L-ewwel waħda lesta.**



| | | |
|---|---|---|
| a. | Is-surmast staqsa lil Toni, " ***Int*** fejn sejjer?" | Ikteb **Pronom**. |
| b. | Il- _____________ taħdem fl-għalqa. | Il-**Femminil** ta' *bidwi* |
| ċ. | Kien hemm il- _____________ fil-pajjiż. | **ġliet** jew **ġlied**? |
| d. | Pauline xtrat qmis _____________ . | Ikteb **Aġġettiv**. |
| e. | Ommi qalet lil Pawlu, " _____________ idejk." | **L-Imperattiv** ta' *ħasel* |
| f. | Ma stajtx insib iċ- _____________ . | **Il-Plural** ta' *ċavetta* |
| ġ. | _____________ sħana ddejjaqni wisq! | Ikteb **l-Artiklu**. |
| g. | Inġabret _____________ nies fit-triq. | Il-kelma li nużaw biex infissru **grupp ta' nies** |
| għ. | Jien _____________ fuq dahar iż-żiemel. | **L-Imperfett** ta' *rikeb* |
| h. | It-triq tagħna hija _____________ . | **Il-kontra** ta' *wiesa'* |
| ħ. | _____________ it-torta fiha l-irkotta. | **Il-Femminil** ta' *dak* |

| Taqsima B | Il-Kitba | (30 marka) |
| --- | --- | --- |

1. **Ikteb messaġġ sabiħ lill-kuġina tiegħek f'għeluq sninha.**

**(5 marki)**



________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

2. **Ikteb nota qasira lill-ħabib tiegħek biex tistiednu jqatta' ġurnata d-dar tiegħek.** **(5 marki)**

Għażiż Robert,



________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

Dejjem Tiegħek,

____________________

3. **Ikteb paragrafu ta' mhux anqas minn GĦAXAR SENTENZI dwar <u>WIEĦED</u> minn dawn.** **(20 marka)**

a. **Il-ġeru tiegħi**
*Iddiskrivi dan il-ġeru u ikteb dwar kif inti tieħu ħsiebu.*

b. **Immaġina li int farfett**
*Iddiskrivi lilek innifsek u fejn tinsab. Ikteb ukoll dwar dak li tara ta' kuljum. Għid l-istorja ta' ħajtek.*



ċ. **Meta għamlet ħafna xita**
*Fejn kont? X'kont qed tagħmel? Iddiskrivi x'ġara.*

d. **Inċident fit-triq**
*Ħares lejn l-istampi u ikteb storja biex tirrakkonta x'ġara. Dawn il-kliem u frażijiet jistgħu jgħinuk:*

*rota – brejkijiet – trakk – mixħut fl-art – muġugħ – ambulanza.*



**Uża dan l-ispazju biex tagħmel il-pjan għall-kitba tiegħek.**
**(bla marki)**

**Komponiment: ______ (Ikteb a, b, ċ jew d)**

______________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

____________________________________________

TMIEM IL-KARTA



**TMIEM IL-KARTA**